StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

Rotta 2

**IT-TIELET SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ____________

## 1. Agħżel it-tajba (10 marki)

1. It-tibdil f'ġisimna fil-fażi tal-adoloxxenza (ma jogħġobniex, jogħġobna, jferraħna).

2. Il-kuxjenza tiġbor fiha żewġ kapaċitajiet kbar: (xhieda u tjieba, nirraġunaw u niddeċiedu, il-qalb u rieda tajba).

3. Il-kuxjenza tgħidilna biex nagħmlu (it-tajjeb u naħarbu l-ħażin, dak li jidhrilna, dak li jgħidilna ħaddieħor).

4. Permezz ta' (Abraham, David, Mosè) Alla ħeles il-poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu.

5. (Iżakk, Ġakobb, Elija) kien jirrappreżenta l-profeti.

6. Fit-Testment il-Qadim is-sħaba kollha dawl kienet tfisser il-preżenza (t'Alla, ta' Mosè, ta' Elija).

7. It-tentazzjoni dejjem tippreżenta lilha nnifisha bħala xi ħaġa (sabiħa u li togħġob, kerha iżda togħġbok, li tibża' minnha).

8. Ġesù lil (Pietru, Pawlu, Ġwanni) sejjaħlu xitan, meta dan ma riedx lil Ġesù ibati.

9. David kien (imħallef, sultan, l-ewwel sultan ta' Israel).

10. It-tentazzjoni hija (dnub, ġibda għall-ħażen, ikla tajba mal-ħbieb).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## 2. Wieġeb fil-qosor. (15-il ma



Sitt ijiem wara, Ġesù ħa miegħu lil Pietru, lil Ġakbu u lil Ġwanni, tellagħhom weħidhom fuq muntanja għolja, u tbiddel quddiemhom. Lbiesu sar abjad u jgħammex b'dija tal-għaġeb: ebda ħassiel fid-dinja ma jista' jġib il-ħwejjeġ bojod daqshekk.

U dehrilhom Elija ma' Mosè, jitkellmu ma' Ġesù. Qabad Pietru u qal lil Ġesù, "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija."
Dan qalu għax ma kienx jaf x'jaqbad jgħid bil-biża' kbir li waqa' fuqhom.

Imbagħad ġiet sħaba u għattiethom, u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu." Minnufih taw ħarsa madwarhom, u ma raw lil ħadd iżjed magħhom ħlief lil Ġesù waħdu.

1. X' jisimha din il-ġrajja?

(2 marki)

2. Lil min ħa miegħu fuq il-muntanja Ġesù?

(3 marki)

3. Kif tbiddel ilbies Ġesù?

(3 marki)

4. Min deher ma' Ġesù?

(2 marki)

5. X'qal Pietru?

(2 marki)

6. Ikteb il-kliem li nstema' minn ġos-sħaba.

(3 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**3. Iddeskrivi fil-qosor tliet tentazzjonijiet li kellu Ġesù.**
**(Importanti li ma tnižžilx dawk li kellu fid-dežert biss.)** **(15-il marka)**



(a)_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

(5 marki)

(b)_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

(5 marki)

(ċ)_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

(5 marki)

**4. Kompli dawn is-sentenzi.** **(8 marki)**

Il-kuxjenza turina li biex niddeċiedu tajjeb għandna:

1. Inkunu midħla tat-_______________________________

2. Nežaminaw lilna nfusna_____________________________

3. Nistaqsu u nfittxu l-parir ta' nies _______________________

4. Nitolbu d-dawl_________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**5. Kompli dawn is-sentenzi b'kelma waħda. (20 marka)**

1. Id-___________________ huwa nuqqas ta' rispett lejn l-isem t'Alla.
2. ___________________ ifisser li inti ssejjaħ ˊl Alla, li hu l-verità nnifisha, biex bħal jagħti garanzija li dak li qiegħed tgħid int huwa veru.
3. Il-vuċi ġewwa fina li biha niddeċiedu x'inhu t-tajjeb u l-ħażin tissejjaħ _______________.
4. Ma jkollokx Alla ieħor ___________________.
5. Il-raħal fejn kienu joqogħdu Lażżru u ħutu kien jismu ___________________.
6. Mulej, agħmilni strument tal-paċi ___________________.
7. ___________________ kien iben Sawl u ħabib kbir ta' David.
8. Lill-___________________ Alla ħalqu xbieha tiegħu.
9. San Martin qasam il ___________________ min-nofs biex igħin lil wieħed fqir.
10. Fil-bidu Alla ħalaq kollox ___________________. Kien id-dnub li ħassar dak li għamel Alla.

**6. Imla l-vojt b'waħda mill-kelmiet li ġejjin: (10 marki)**

**allat, għażliet, ħadd, qawwiet, spirti, idolatrija, deheb, pagani, statwi, Alla**

L-ewwel ħaġa li Alla jitlob minna fl-__________________ li rridu nagħmlu hija li ma jkollniex ________________ oħra ħliefu. F'dan l-ewwel kmandament, Alla jgħidilna biex ma nagħrfu lil_________________ u lil xejn bħala _______________ ħlief lilu. Jiżbaljaw dawk li jaħsbu li jista' jkun hemm xi allat oħra bħal _________________ jew _________________ oħra li b'xi mod jistgħu jħabbtuha miegħu. Min jagħti qima lil dawn jaqa' f'dik li nsejħulha __________________. Fi żmienna, l-allat li minnhom inkunu l-aktar ittentati, mhumiex l-allat tar-reliġjonijiet______________________, lanqas huma________________________ tad-__________________u l-fidda, xogħol ta' jdejn il-bniedem.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**7. Wieġeb fil-qosor.** **(10 ma**

1. Minn fejn jiġu t-tentazzjonijiet?

(a)________________________________________

(b)________________________________________

(ċ)________________________________________

(3 marki)

2. Ma' xiex norbtu l-istima tagħna fi żmien l-adoloxxenza?

____________________________________________________________________

(marka)

3. Semmi erba' affarijiet li huma iżjed importanti mid-dehra fiżika.

(a)____________________________

(b)____________________________

(ċ)____________________________

(d)____________________________

(4 marki)

4. Min kiteb it-talba "Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek"?

____________________________________________________________________

(2 marki)

**8. Ikteb fil-qosor fuq waħda minn dawn it-temi.** **(12-il marka)**

(a) Il-ġrajja ta' San Martin.

(b) Sitt kwalitajiet tajbin li għandi nfittex bħala Nisrani fi sħabi.

**Tmiem il-karta**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers